



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13274/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0307 (NLE)

ACP 110
FIN 1042
PTOM 18

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għall-finanzjament tal-Fond, fir-rigward tat-tielet pagament parzjali għall-2022

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...

ta' ...

**dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-partijiet
għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għall-finanzjament tal-Fond,
fir-rigward tat-tielet pagament parzjali għall-2022**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' għajjnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu mill-2014 sal-2020, skont il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-pajjiżi u territorji extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea¹ u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) flimkien mal-Artikolu 14(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2015/323², u b'mod partikolari l-Artikolu 19(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1.

² ĠU L 307, 3.12.2018, p. 1.

Billi:

- (1) Skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 19 sa 22 tar-Regolament (UE) 2018/1877, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta sal-10 ta' Ottubru 2022 li tistabbilixxi l-ammont tat-tielet pagament parzjali tal-kontribuzzjoni għall-2022.
- (2) Skont l-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 2018/1877, il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) għandu jibgħat lill-Kummissjoni l-istimi aġġornati tiegħu tal-impenji u l-pagamenti fl-istrumenti li jimmaniġġa.
- (3) Skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2018/1877, sejħiet għal kontribuzzjonijiet għandhom l-ewwel jużaw l-ammonti stipulati għall-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp ("FEŻ") preċedenti. Għaldaqstant jenħtieġ li ssir sejħa għall-fondi skont ir-Regolament (UE) 2018/1877 għall-Kummissjoni u għall-BEI.
- (4) Skont l-Artikoli 152 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika³ (il-“Ftehim dwar il-Ħruġ”), ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (ir-“Renju Unit”) għandu jibqa' Parti għall-FEŻ sal-egħluq tal-11-il FEŻ u ta' kull FEŻ preċedenti mhux magħluq. Madankollu, skont l-Artikolu 153 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, is-schem tar-Renju Unit f'fondi diżimpenjati minn proġetti taħt il-11-il FEŻ, meta daww il-fondi jkunu ġew diżimpenjati wara l-31 ta' Diċembru 2020, jew FEŻ preċedenti, ma għandux jerġa' jintuża.

³ ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.

- (5) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1941⁴ tistabbilixxi l-ammont annwali tal-kontribuzzjonijiet li għandu jitħallas mill-partijiet għall-FEŻ għall-2022 għal EUR 2 500 000 000 għall-Kummissjoni u għal EUR 300 000 000 għall-BEI.
- (6) Sabiex il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jkunu jistgħu jiġu applikati minnufih, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1941 tad-9 ta' Novembru 2021 dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għall-finanzjament ta' dak il-Fond, li jinkludi l-limitu massimu għall-2023, l-ammont annwali għall-2022, l-ammont tal-ewwel pagament parzjali għall-2022 u previżjoni indikattiva u mhux vinkolanti għall-ammonti annwali mistennija ta' kontribuzzjonijiet għas-snin 2024 u 2025 (ĠU L 396, 10.11.2021, p. 61).

Artikolu 1

Il-Partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għandhom iħallsu l-kontribuzzjonijiet individwali għall-FEŻ lill-Kummissjoni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment bħala t-tielet pagament parzjali għall-2022, f'konformità mal-Anness.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

It-tielet pagament parzjali tal-2022 (f'EUR) li għandu jitħallas lill-Kummissjoni u lill-BEI

L-ISTATI MEMBRI U R-RENJU UNIT	Skema ta' ridistribuzzjoni tal-11-il FEŻ f%	Il-Kummissjoni		Il-BEI		Kummissjoni + BEI
		Il-11-il FEŻ		Il-11-il FEŻ		Ammont totali għat- tielet pagament parzjali tal-2022
IL-BELĠJU	3,24927	19 495 620		3 249 270		22 744 890
IL-BULGARIJA	0,21853	1 311 180		218 530		1 529 710
IĊ-ĊEKJA	0,79745	4 784 700		797 450		5 582 150
ID-DANIMARKA	1,98045	11 882 700		1 980 450		13 863 150
IL-ĠERMANJA	20,57980	123 478 800		20 579 800		144 058 600
L-ESTONJA	0,08635	518 100		86 350		604 450
L-IRLANDA	0,94006	5 640 360		940 060		6 580 420
IL-GREĊJA	1,50735	9 044 100		1 507 350		10 551 450
SPANJA	7,93248	47 594 880		7 932 480		55 527 360
FRANZA	17,81269	106 876 140		17 812 690		124 688 830
IL-KROAZJA	0,22518	1 351 080		225 180		1 576 260
L-ITALJA	12,53009	75 180 540		12 530 090		87 710 630
ĊIPRU	0,11162	669 720		111 620		781 340
IL-LATVJA	0,11612	696 720		116 120		812 840

L-ISTATI MEMBRI U R-RENJU UNIT	Skema ta' ridistribuzzjoni tal-11-il FEŻ f%	Il-Kummissjoni		Il-BEI		Kummissjoni + BEI
		Il-11-il FEŻ		Il-11-il FEŻ		Ammont totali għat- tietet pagament parzjali tal-2022
IL-LITWANJA	0,18077	1 084 620		180 770		1 265 390
IL-LUSSEMBURGU	0,25509	1 530 540		255 090		1 785 630
L-UNGERIJA	0,61456	3 687 360		614 560		4 301 920
MALTA	0,03801	228 060		38 010		266 070
IN-NETHERLANDS	4,77678	28 660 680		4 776 780		33 437 460
L-AWSTRIJA	2,39757	14 385 420		2 397 570		16 782 990
IL-POLONJA	2,00734	12 044 040		2 007 340		14 051 380
IL-PORTUGALL	1,19679	7 180 740		1 196 790		8 377 530
IR-RUMANIJA	0,71815	4 308 900		718 150		5 027 050
IS-SLOVENJA	0,22452	1 347 120		224 520		1 571 640
IS-SLOVAKKJA	0,37616	2 256 960		376 160		2 633 120
IL-FINLANDJA	1,50909	9 054 540		1 509 090		10 563 630
L-IŻVEZJA	2,93911	17 634 660		2 939 110		20 573 770
IR-RENJU UNIT	14,67862	88 071 720		14 678 620		102 750 340
TOTAL TAL-EU-27 U R-RENJU UNIT	100,00	600 000 000		100 000 000		700 000 000